Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2003

Numru 325/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH CORDINA**

**VS**

**EMANUEL BORG**

**Illum 4 ta’ Gunju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Emanuel Borg ta' 30 sena, bin Therese Borg, imwieled tal-Pieta' fit-18 ta' Jannar 1973, li

joqghod fl-indirizz : "Sunshine Flats", Flat 3, Triq il-Lampara, Bahar ic-Caghaq, bin-numru tal-karta ta' l-identita' 48973M;

Talli fit-22 ta' Jannar 2003 u f'dati precedenti f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

U aktar talli fl-istess cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn atti, kitba jew skritturi foloz;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

U aktar talli fl-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 183, 184, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-Piena, din il-Qorti, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jikkommettix reat iehor, fiz-zmien sentejn (2) mil-lum, a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------